




**Pakkett ta' Informazzjoni
dwar l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej
għall-Organizzazzjonijiet
tas-Soċjetà Ċivilil**



WERREJ

1. L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ: IL-PUNTI BAŻIĊI	3
2. KIF TNIEDI IĊE	5
3. IĊ-ĊENTRU TA' APPOĠĠ TAL-IĊE TIEGĦEK	7
4. KIF IĊ-ĊITTADINI JISTGĦU JAPPOĠĠAW IĊE:	7
5. KIF L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI JISTGĦU JAPPOĠĠAW L-IĊE	8
6. AKTAR REFERENZI	9

1. L-INIZJATTIVA TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ: IL-PUNTI BAŻIĊI

Mill-2012, l-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej (IĊE) hija mod kif iċ-ċittadini tal-UE jistabbilixxu l-aġenda tal-UE. Dan jippermetti li iċ-ċittadini tal-UE jsawru proposti dwar kwistjonijiet li huma importanti għalihom u li jaqgħu fil-qasam tal-kompetenza tal-UE. Grupp ta' seba' ċittadini tal-UE minn seba' pajjiżi differenti tal-UE jistgħu jipproponu politiki tal-UE permezz ta' IĊE. Ladarba tiġi rreġistrata l-inizjattiva, ċittadini oħra tal-UE jistgħu jiffirmaw l-inizjattiva online, permezz ta' sistema ta' ġbir online, jew fuq il-karta. Jekk l-inizjattiva tilħaq miljun firma minn mill-inqas seba' pajjiżi tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi kif issegwi l-inizjattiva inkwistjoni.

FEJN NISTA' NAĠĦMEL DIFFERENZA?
BL-INIZJATTIVA EWROPEA TAÇ-ĊITTADINI

Iċċekkja dawn l-10 oqsma fejn tista' ssawwar l-aġenda tal-UE.

- IN-NONDISKRIMINAZZJONI U Ċ-ĊITTADINANZA
- L-IMPJIEGI U L-KWISTJONIJET SOĊJALI
- L-EDUKAZZJONI, IT-TAĦRIĠ, IŻ-ŽĠHAŻAĠH U L-ISPORT
- L-GĦAJNUNA UMANITARJA, L-IŻVILUPP U L-KOOPERAZZJONI
- L-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA
- L-ENERĠIJA
- L-AGRIKOLTURA U S-SAJD
- IS-SAĦĦA PUBBLIKA
- IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR
- IL-ĠUSTIZZJA, IL-LIBERTÀ U S-SIGURTÀ

U ħafna oħrajn...
Għal aktar informazzjoni, inkluż dwar il-lista ta' inizjattivi li bħalissa huma miftuħa għall-appoġġ, mur fuq: europa.eu/citizens-initiative

#EUTakeTheInitiative

© Unjoni Ewropea, [2019] L-użu mill-ġdid hu awtorizzat dment li jiġi rikonnotat is-sors. Il-politika ta' l-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċizzjoni 2011/833/UE (ĠU L 530, 14.12.2011, p. 39).

EU L-INIZJATTIVA
L-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej

→ Għaliex l-IĊE hija għodda effettiva?

A. L-IĊE tippermettilek tinfluwenza t-tfassil ta' politika tal-UE:


L-IĊE hija strument demokratiku li jippermetti li iċ-ċittadini Ewropej ipoġġu kwistjonijiet importanti għalihom fuq l-aġenda tal-UE. Inizjattivi preċedenti ta' suċċess diġà ħallew il-marka tagħhom fuq il-liġijiet u l-leġiżlazzjoni tal-UE. Eżempju konkret wieħed huwa l-IĊE **L-ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!**, li tnediet biex tiżgura li l-ilma tax-xorb jibqa' servizz pubbliku u ġid pubbliku.

- FI-2018, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet bidliet fid-**Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb**, b'enfasi fuq it-titjib tal-aċċess għall-ilma nadif, speċjalment għal gruppi vulnerabbli. L-istituzzjonijiet Ewropej adottaw dawn il-bidliet f'Diċembru 2020, u r-regoli l-ġodda daħlu fis-seħħ f'Janjar 2021.

B. L-IĊE tgħin lill-organizzaturi joħolqu sensibilizzazzjoni dwar suġġett:

Il-ħolqien ta' IĊE jqajjem il-kwistjoni tiegħek fix-xena Ewropea, u jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Parlament Ewropew, kif ukoll tal-pubbliku Ewropew. L-IĊE tippermetti lill-organizzaturi jgħollu l-livell ta' dibattitu u tesponi s-suġġett għal udjenza usa', filwaqt li effettivament tagħti spinta lis-sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett inkwistjoni.

→ Uħud mill-IĊE ta' suċċess u s-suċċess tagħhom fl-Istati Membri:



F'xi Stati Membri, bħal Spanja, il-Ġermanja u l-Italja, l-IĊE kellhom suċċess kbir. L-IĊE għenet biex jiżjed il-livell ta' dibattitu dwar il-kwistjonijiet imressqa minn dawn l-inizjattivi.

2. KIF TNIEDI IĊĊE

→ Eliġibbiltà

- Kull ċittadin tal-UE tal-età li jista' jivvota fl-elezzjonijiet Ewropej jista' jniedi IĊĊE. L-uniċi żewġ rekwiżiti huma:
 - L-inizjattiva trid tiniedi minn seba' ċittadini tal-UE li jirrisjedu f'seba' pajjiżi differenti tal-UE.
 - L-inizjattiva trid tiffoka fuq suġġett li jaqa' fil-qasam ta' azzjoni legali tal-UE.

PARIR: F'xi Stati Membri, iċ-ċittadini tal-UE mill-età ta' 16-il sena jistgħu jiffirmaw u jniedi IĊĊE. Illum, dawn jinkludu l-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, Malta, l-Awstrija u l-Greċja (17).

- L-IĊĊE tista' tiġi ppreżentata b'kull lingwa uffiċjali tal-UE.



→ Kronoloġija u Passi Ewlenin

1. Total ta' mill-inqas seba' ċittadini minn seba' pajjiżi tal-UE, li huma eliġibbli biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej jew li għandhom mill-inqas 16-il sena f'xi pajjiżi, jiffurmaw/joħolqu l-grupp ta' organizzaturi tal-IĊĊE u jiddefinixxu l-oġġettiv(i) tal-inizjattiva tagħhom.

2. L-organizzaturi jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea biex tiġi rreġistrata:

- Joħolqu kont tal-organizzatur. Huma jużaw dan biex jimmaniġġjaw l-inizjattiva tagħhom u jinteraġixxu mal-Kummissjoni Ewropea matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-IĊĊE.
- Huma jipprovdu deskrizzjoni tal-inizjattiva tagħhom f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE (kif ukoll dettalji u dokumenti rilevanti dwar il-grupp ta' organizzaturi, il-finanzjament riċevut, eċċ.)
- Jekk il-Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi li tirreġistra l-IĊĊE, l-inizjattiva tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-IĊĊE. L-organizzaturi jirċievu tveġiba dwar ir-reġistrazzjoni tal-IĊĊE tagħhom tipikament fi żmien xahrejn.
 - L-organizzaturi mbaġħad ikollhom sitt xhur biex jagħżlu d-data tal-bidu tal-ġbir ta' appoġġ.

3. Jibda l-ġbir tal-firem! Iġbor miljun firma minn tal-inqas seba' pajjiżi tal-UE fi żmien 12-il xahar (online jew fuq il-karta).

- Biex ikunu eliġibbli biex jiffirmaw IĊE, is-sostenituri jridu jkunu:
 - Ċittadini tal-UE
 - Ikunu tal-età li jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej jew ikollhom tal-inqas 16-il sena f'xi pajjiżi

4. Ippreżenta l-miljun + firma għal verifika mill-awtoritajiet nazzjonali. L-organizzaturi għandhom sa tliet xhur biex jippreżentaw il-firem lill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru.

- L-awtoritajiet imbagħad ikollhom tliet xhur oħra biex jivverifikaw liema dikjarazzjonijiet ta' appoġġ huma validi.

5. Ippreżenta l-inizjattiva u ċ-ċertifikati riċevuti mill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istadju 4 lill-Kummissjoni Ewropea għal eżami.

- L-organizzaturi għandhom tliet xhur biex jippreżentaw l-inizjattiva u ċ-ċertifikati tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea. Dan kollu jista' jsir permezz tal-kont tal-organizzatur. Dan il-mument jiddefinixxi l-bqija tal-iskeda ta' żmien.

6. Irċievi tweġiba:

- Il-Kummissjoni Ewropea tistieden lill-grupp ta' organizzaturi għal laqgħa, li fiha jkollhom l-opportunità jippreżentaw il-każ tagħhom dwar l-IĊE tagħhom.
 - Fi żmien xahar mill-preżentazzjoni (Stadju 5)
- Il-Parlament Ewropew jistieden lill-organizzaturi għal seduta ta' smiġh pubblika, segwita minn dibattitu plenarju, bil-possibbiltà ta' riżoluzzjoni dwar is-suġġett.
 - Fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni (Stadju 5)
- Il-Kummissjoni Ewropea toħroġ it-tweġiba dettaljata bil-miktub tagħha għall-inizjattiva. Dan jinkludi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha, kull azzjoni li biħsiebha tiegħu, u r-raġunijiet għaliex ħadet jew ma ħaditx azzjonijiet.
 - Fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni (Stadju 5) u wara s-seduta ta' smiġh pubblika fil-Parlament Ewropew

| → Sfidi Ewlenin Quddiemek: Mistoqsijiet li Jiltaqgħu Magħhom l-Organizzaturi

- *Kif nista' nidentifika ċittadini f'pajjiżi oħra biex iniedu IĊE miegħi?*
- *Kif nista' nimmobilizza ċittadini f'pajjiżi oħra biex jiffirmaw l-IĊE tiegħi?*
- *Kif nista' niġbor fondi għal IĊE?*
- *Kif nista' nibbagitja l-IĊE tiegħi?*
- *X'mezzi nista' nuża biex nikkuntattja ċ-ċittadini?*

Tista' ssib tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet fil-[Forum tal-IĊE](#).

3. IĊ-ĊENTRU TA' APPOĠĠ TAL-IĊE TIEGĦEK

Il-Forum tal-IĊE huwa pjattaforma online għall-kollaborazzjoni, aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. L-għan tiegħu huwa li joffri gwida u informazzjoni lill-organizzaturi tal-IĊE jew lil persuni interessati fl-IĊE. Huwa ċentru ta' appoġġ essenzjali għall-kisba ta' informazzjoni Prattika, għall-ikkampanjar, u għall-pariri legali, u biex jiġu diskussi suġġetti relatati mal-IĊE.

Il-pjattaforma titħaddem mis-Servizz ta' Azzjoni għaċ-Ċittadini Ewropej (European Citizen Action Service, ECAS), organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, skont kuntratt mal-Kummissjoni tal-UE.



Fit-taqsimha Tgħallem tal-Forum tal-ECI, issib riżorsi ta' valur, materjali ta' gwida, storji ta' suċċess, reġistrazzjonijiet ta' webinars, u aktar informazzjoni relatata mal-IĊE.



It-taqsimha Fittex Parir toffri gwida bla flas u mfassla apposta dwar diversi suġġetti inklużi kwistjonijiet legali (pereżempju, il-verifika ta' jekk l-idea taqax fl-oqsma ta' azzjoni legali tal-UE), l-istrateġiji tal-kampanji, il-ġbir ta' fondi jew oħrajn.

L-organizzaturi jistgħu jikkomunikaw wkoll mal-kuntatti: Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jinsabu fl-amministrazzjoni pubblika).

4. KIF IĊ-ĊITTADINI JISTGĦU JAPPOĠĠAW IĊE:

Tista' ssib u tiffirma l-inizjattivi miftuħa kollha fuq is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Biex tappoġġa IĊE, tista' timla dikjarazzjoni ta' appoġġ online jew fuq il-karta.

Hawnhekk tista' ssib eżempji tal-aħħar IĊE li bħalissa huma miftuħa għall-frem:

Taxing great wealth to finance the ecological and social transition.

Current status: Collection ongoing
Registration number: ECI(2023)000006

Support this initiative



Connecting all European capitals and people through a high-speed train network

Current status: Collection ongoing
Registration number: ECI(2023)000004

Support this initiative



End The Horse Slaughter Age

Current status: Collection ongoing
Registration number: ECI(2023)000003

Support this initiative



5. KIF L-ORGANIZZAZZJONIJIET TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI JISTGĦU JAPPOĠĠAW L-ICE

Bħala organizzazzjoni, tista' tappoġġa l-ICE billi toffri l-appoġġ permezz ta' diversi mezzi, bħas-sħubija jew il-ħolqien ta' koalizzjoni ta' NGOs fir-rigward ta' l-ICE. Billi tingħaqad mal-isforzi tal-kampanja, effettivament iżżid is-sensibillizzazzjoni tal-ICE. Tista' tikkunsidra li tkun involut b'mod attiv f'oqasma tal-kampanja bħal: il-promozzjoni, il-bini ta' komunità, l-għarfien espert, il-kondiviżjoni tar-riċerka, l-isforzi għal għbir tal-firem, l-appoġġ finanzjarju, u/jew il-provvediment ta' riżorsi umani.

Pereżempju, l-ICE ta' suċċess **"End Cage Age"** ġiet strutturata permezz ta' kollaborazzjoni ta' 170 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa. Kull wieħed minnhom kellu rwol x'jaqdi biex jgħin lill-ICE tkun ta' suċċess. Dawn huma wħud mill-organizzazzjonijiet wara dik l-inizjattiva:



L-organizzazzjoni tiegħek, ukoll, tista' tgħin lil ICE tkun ta' suċċess!

6. AKTAR REFERENZI

- Is-sit web tal-IĊE: <https://citizens-initiative.europa.eu>
 - [Kif taħdem](#)
 - [Kif tibda](#)
 - [Protezzjoni tad-data](#)
- Is-sit web tal-Forum tal-IĊE: <https://citizens-initiative-forum.europa.eu/>
 - It-taqsima [Tgħallem](#)
 - [Kif Tiġbor il-Firem](#)
 - [Kif Tabbozza u Tippreżenta Inizjattiva](#)
 - [Kif Tfittex is-Sħab](#)
 - [Kif Tiġbor il-Fondi](#)
 - [Kif Torganizza Kampanja](#)
 - It-taqsima [Fittex Parir](#).
- Kuntatti lokali: [Punti ta' Kuntatt Nazzjonali](#) u [Ambaxxaturi tal-IĊE](#)
- Abbona għall-bullettin ta' kull xahar (EN + 23 lingwa) biex tibqa' infurmat dwar IĊE
Aħbarijiet: <https://citizens-initiative.europa.eu/newsletter/subscribe>
- [Ingħaqad mal-grupp ta' Facebook tal-IĊE](#)